MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2005

Rikors Numru. 24/2003/1

Kummissarju ta' l-Art

vs

Peter Formosa

Il-Bord,

Ra r-rikors tal-Kummissarju ta' l-Artipprezentat fil-5 ta' Mejju, 2003 fejn espona:

Illi l-intimat gie notifikat b'Avviz ghall-Ftehim datat 20 ta' Jannar, 2003 fejn gie infurmat li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art go Victoria, Ghawdex, tal-kejl ta' madwar 731 metri kwadri (Tmiem 0, Sieghan 3, Kejliet 9)li tmiss mix-Xlokk ma' proprjeta' ta' M'Angelo Formosa, mill-Grigal ma' proprjeta' tal-werrieta ta' Antonio Micallef u mill-Majjistral ma' proprjeta' ta' Antonio Micallef huwa ta'

elf sitt mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm1,625) kif jidher mir-rapport tal-perit Joseph Mizzi A&C.E. tat-13 ta' Marzu, 2001 li kopja tieghu hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tat-13 ta' Frar, 2003 l-intimat fost affarijiet ohra jiddikjara li ma jaccettax il-kumpens offert u jitlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta' tlieta u disghin elf lira Maltin (Lm93,000)

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minn floku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)
Ra li l- intimati kkontestaw din it- talba.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra d-digriet tieghu tas-16 ta' Jannar, 2004 li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Renato Laferla u l-AIC Joseph Jaccarini.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti li minnha jirrizulta li l-art hija wahda agrikola u li l-kumpens dovut hu ta' Lm12,500.

Ghalhekk jilqa' t-talba tar-rikorrent u jordna lill-intimat jittrasferixxi favur tieghu b'titolu ta' xiri assolut bhala libera u franka bicca art gor-Rabat (Victoria) Ghawdex tal-kejl ta' madwar 731 metri kwadri (Tmiem 0, Sieghan 3, Kejliet 9) li tmiss mix-Xlokk ma' proprjeta' ta' M'Angelo Formosa, mill-Grigal ma' proprjeta' tal-werrieta ta' Antonio Micallef u mill-Majjistral ma' proprjeta' ta' Antonio Micallef bil-

kumpens ta' Lm12,500 , skond il-pjanta mehmuza mall-Avviz ghall-Ftehim.

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku biex jippubblika l-att opportun fis-6 ta' April, 2005 fl-11:30a.m. fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lid-Dottor Melvyn Mifsud biex jirrapprezenta l-kontumaci. Jordna a tenur ta' l-Artikolu 31 kif emendat tal-Kap 88 li l-ispejjez ghandhom jigu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita' kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------